**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 763/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Stacy Attard)**

**-Vs-**

**ALLISTER CAMILLERI**
**(ID: 0150180M)**

**Illum, 5 ta' Marzu 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ALLISTER CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0150180M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar id-29 ta' Dicembru, 2019, bejn it-tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) u il-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar (17:15hrs) kif ukoll fil-granet ta' qabel, gewwa fond numru 10, fi Sqaq id-Duluri Numru 1, il-Ħamrun:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ħebb għal omm bintu Odette Sciberras detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0343569M u kkaġunalha ġriehi ta' natura ħafifa, skond kif iċċertifika

Dr. Dalli Badjadi Med. Reg. 3356 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal omm bintu Odette Sciberras sabiex jingurjaha, idejjaqa jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor; u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kif ukoll fil-granet ta' qabel, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil omm bintu biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi għamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta lill-imsemmija Odette Sciberras, jew jekk kien ipprovoka, inġurja b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta'Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' l-artikolu 340(d), u lanqas band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' kisser bieb, televixin tal-ghamla Philips, mejda , kif ukoll ornamenti, ghad-dannu ta' Odette Sciberras (ID: 343569 M) u/jew

persuni ohra liema hsara hi izjed minn €250 u mhux aktar minn €2500, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta'Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel reat u kif ukoll ghamel uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli nhar id-29 ta' Dicembru, 2019, u kif ukoll fil-granet ta' qabel, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil omm bintu Odette Sciberras b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Onorabbli Qorti giet mitluba titratta dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jiġu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kas ta' ħtija titratta mal-ħati bħala riċediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtá tal-imsemmija Odette Sciberras, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Dicembru 2019 meta tressaq quddiem il-Qorti u sar l-ezami tieghu, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Semghet ix-xhieda ta' Odette Sciberras u rat illi waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2020 hija registrat is-segwenti dikjarazzjoni:

*"Ix-xhud Odette Sciberras tafferma li hija kienet s-siehba tal-imputat u ghadhom wild in komun u tirriafferma wkoll dak minnha ddikjarat fix-xhieda taghha illi hija ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat kif ukoll titlob li twaqqaf il-proceduri kontrih kwantu ghall-imputazzjonijiet li jinkludu l-vjolenza domestika u dan anke wara li l-Qorti fissritilha l-akkuza kollha dwar ir-reati li jinvolvu vjolenza domestika u li gew addebitati lill-imputat."*

Semghet ix-xhieda;

Rat illi waqt l-istess udjenza tat-28 ta' Jannar 2020 u a tenur tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9, gie ordnat illi l-procediment kontra l-imputat jitwaqqaf kwantu jikkoncerna reati li jinvolvu vjolenza domestika, cioe` ir-reati fl-imputazzjonijiet numru wiehed (1) sa sitta (6) u disgha (9), u dan wara illi semghet lil Odette Sciberras tixhed bil-gurament u tafferma x-xhieda taghha bid-dikjarazzjoni fuq riprodotta.

Rat illi fl-istess waqt gie ordnat illi l-procediment kwantu ghar-reati addebitati lill-imputat fis-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet, jitkompla;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Rat illi d-difiza ddikjarat illi l-Prosekuzzjoni ma hijiex ezentata milli tressaq il-prova dwar id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-imputat ghall-assistenza legali ghall-fini tal-istqarrija;

Rat il-provvediment moghti waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020 fejn giet michuda t-talba tal-Prosekuzzjoni ghal differiment biex tressaq il-provi taghha li fadal, f'seduta ohra, u l-provi tal-Prosekuzzjoni gew dikjarati maghluqa;

Rat illi waqt l-istess udjenza d-difza ddikjarat li ma ghandha l-ebda provi xi tressaq;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li in linea ta' trattazzjoni tirrimetti ruhha ghall-atti u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difiza, waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza fuq is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet;

Ikkunsidrat;

L-unici zewg imputazzjonijiet li jinsabu taht l-iskrutinju tal-Qorti f'dawn il-proceduri huma s-seba' u t-tmien imputazzjonijiet li jaddebitaw lill-impuat ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 u r-reat a tenur tal-Artikolu

49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara illi l-proceduri gew dikjarati imwaqqfa fuq talba tal-allegata vittma.

Illi dan il-kaz gie msawwar bhala wiehed ta' vjolenza domestika. Il-Qorti rat id-definizzjoni ta' "vjolenza domestika" skont kif imfisser fil-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta u tosserva illi dan it-terminu jkopri kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' kull xorta ta' vjolenza li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika. Madanakollu, ghalkemm l-imputazzjonijiet in dizamina, cioe` s-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, jaddebitaw reati li b'xi mod jinvolvu l-vjolenza domestika, huwa daqstant minnu illi r-reita` f'dawn il-kazijiet tista' tissussisti irrispettivament minn jekk kienx hemm vittma ta' dawn ir-reati u huwa proprju ghalhekk li l-Qorti ma ordnatx li l-proceduri jitwaqqfu kwantu jinvolvu dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Ghall-iskop tal-Kapitolu 581, "vittma" tfisser:

*"... kwalunkwe persuna fiżika li hi soġġetta għal forom ta' vjolenza ... u l-membri tal-familja ta' kwalunkwe persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn tali vjolenza u li jkunu sofrew ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna kif ukoll minuri li jkunu xhieda ta' forom ta' vjolenza ...;"*

Dan qed jinghad ghaliex fil-kaz tar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(d) tal-Kap. 9 huwa vittma l-ordni pubbliku in generali u mhux tant Odette Sciberras. Imbaghad, fil-kaz tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 huwa, fost ohrajn, l-uzu hazin *ut sic* ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni li jikkostitwixxi r-reat, u dan irrispettivament mill-hsara li dan l-uzu tikkaguna jew li tista' tikkaguna lil terzi, jew jekk l-uzu hazin huwiex immirat lejn terzi, jew jekk hemmx effettivament, vittma. Konsgwentement, dawn ir-reati jissusistu irrispettivament mill-vittma tal-vjolenza domestika u ma l-proceduri dwarhom ma jistghux jitwaqqfu a tenur tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, u rat ukoll l-istqarrija tal-imputat u tosserva illi kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, huwa minnu li Odette Sciberras ma xehditx u ma kkonfermatx bil-gurament il-verzjoni li tat lill-Pulizija dwar dak li gara fid-29 ta' Dicembru 2019 meta l-imputat kisser il-bieb tar-residenza taghha ghaliex hija rrifjutat illi thallih jidhol go darha. Madanakollu, l-imputat irrilaxxa stqarrija fit-30 ta' Dicembru 2019 in konnessjoni ma' dan l-incident, liema stqarrija giet esebita fl-atti (Dok. SA4)[1]. Kif jrrizulta mill-imsemmija stqarrija, l-imputat meta gie mistoqsi ghalfejn kien faqqa' l-bieb tar-residenza ta' Odette Sciberras, mhux talli ma cahadx li huwa kisser il-bieb tar-residenza talli stqarr illi huwa ghamel hekk ghaliex ghandu hwejgu hemm gew u ghaliex kien irrabjat u indannat.

Il-Qorti ma tistax twarrab din l-ammissjoni li ghamel l-imputat fl-istqarrija tieghu:-

*"Illi skond gurisprudenza taghha ammissjoni maghmula mill-persuna mixlija jew akkuzata hija meqjjusa bhala 'prova regina' u Ii kwindi ghandu validita inkonfutabbli fis-sistema gudizzjarja taghha purche li tkun inghatat b'mod volontarju, minghajr theddid jew vantaggi jew twebbil, u dan anki jekk fin-nuqqas ta' xhieda ohra, sia jekk okulari, sia jekk le. Dan qed jinhad peress li konfessjoni sia jekk verbali jew jekk bil-miktub (u kwindi mhux limitatament stqarrijiet miktuba) tista tingieb bhala prova kontra l-imputat li jkun dment li tkun ittiehdet volontarjament u ... din il-prova ma tirrekjedix korroborazzjoni minn provi ohra biex titqies bhala prova valida, legali u sufficjenti."*[2]

Inoltre, mill-atti processwali ma jidhirx illi saret xi allegazzjoni jew xi argumentazzjoni mid-difiza li implikat li din il-konfessjoni kienet ivvizzjata minn xi theddid, weghdiet jew vjolenza. Barra minn hekk, ghalkemm huwa minnu illi d-difiza ma ezentatx lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq il-provi dwar id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-imputat ghall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u

[1] Fol. 24 u 25.

[2] **Pulizija vs Kevin Stoner**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Novembru 2013.

ghall-fini tal-istqarrija minnu rilaxxata, ma jirrizultax mill-atti illi d-difiza qieghda tikkontesta b'mod specifiku dak li jirrizulta mid-dokumenti Dok. SA3 u SA4[3]. Id-difiza mkien ma tikkontendi illi kuntrarjament ghal dak li jinsab dikjarat fid-dokumenti appena msemmija, l-imputat ma kienx effettivament irrinunzja ghad-dritt ta' assistenza legali, li ma nghatax id-dritt ghal assistenza legali, jew li kien talab assistenza legali u ma nghatatlux. B'zieda ma' dan, il-Qorti tosserva wkoll illi l-Ispettur Stacy Attard xehdet[4] hija stess dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija, kif ukoll ikkonfermat illi, kif jirrizulta mill-istess stqarrija, l-imputat ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat u ghazel ukoll li dan ma jkunx prezenti waqt li jigi interrogat. Qalet ukoll li l-imputat irrilaxxa dikjarazzjoni dwar dan ir-rifjut[5]. Dan gie affermat minn P.C. 321 Joseph Casha li xehed[6] li huwa kien prezenti waqt l-istqarrija tal-imputat u kkonferma illi l-istess imputat ghazel li ma jkollux assistenza legali.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tqis li ma hemmx ebda dubju dwar l-ammissibbilita` u l-validita` tal-istqarrija tal-imputat bhala prova, sejra taghti valur probatorju lill-istess stqarrija sabiex tiddetermina jekk ghandhiex issib htija ghar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha moghtija fil-5 ta' Mejju 2005[7] fejn trattat b'mod ezawrjenti l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali*

---

[3] Fol. 23 *et seq*.
[44] 28 ta' Jannar 2020.
[5] Dok. SA3 a fol. 23.
[6] 2 ta' Marzu 2020.
[7] **Il-Pulizija vs. Noel Tanti**.

*javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet: "**Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**." kien qal hekk :-*

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell' ordine pubblico, independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

*Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni **McCall Smith u Sheldon** li, fil-ktieb taghhom "**Scots Criminal Law**" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu :-*

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed."(p.192).*

*U dik il-Qorti ziedet tghid li :-*

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "**The Criminal Law of Scotland**" (Edinburgh, 1978):-*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to*

*annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04)*

Imbaghad fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

*"Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'.*

*But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to arm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)."*

Fil-kaz odjern, jirrizulta ppruvat sodisfacjentement, anke minghajr it-testimonjanza diretta quddiem il-Qorti ta' Odette Sciberras, illi l-imputat fid-29 ta' Dicembru 2019 mar quddiem ir-residenza taghha gewwa 10, Sqaq id-Duluri, Hamrun[8] u meta hi rrijutat li tiftahlu, huwa kisser il-bieb u dahal gewwa. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li huwa faqa' l-bieb tar-residenza ta' Odette Sciberras u rnexxielu jidhol fir-residenza biex ikisser l-affarijiet gewwa l-istess residenza, u dan proprju ghaliex, kif qal huwa stess, kien irrabjat u indannat. Huwa qal hekk:-

*"T. Qatli toqghodx wara l-bieb itlaq 'l hemm.*
*M. Jigifieri naqblu bi kliemha indunajt li ma rieditekx tidhol go dara.*

[8] Ara okkorrenza Dok. SA5, fol. 27 *et seq.*, u xhieda ta' P.S. 827 Edward Grech, 28 ta' Jannar 2020.

*T. Iva.*
*M.* ***Mela allura ghalfejn fqajt il-bieb?***
*T.* ***Ghax ghandi l-affarijiet hemm gew****.*
*M. X'kienet ir-raguni li bdejt tkisser l-affarijiet gewwa r-residenza taghha fosthom mejda tal-hgieg, televixin u anke ornamenti?*
*T. Ghax irrabbjajt u indannajt."*[9]

Illi din l-istqarrija hija prova importanti mhux biss tal-fatt li sehh l-incident imma anke ta' dak li seta' gara waqt dan l-incident. Ghall-Qorti l-fatt illi l-imputat mar quddiem ir-residenza ta' omm it-tifla tieghu, kisser il-bieb ghaliex kien irrabbjat u ndannat u rnexxielu jidhol (fejn kompla jkisser l-affarijiet), ma jistax isarraf hlief f'konvinciment morali illi f'dan il-kaz, **dan l-agir tal-istess imputat - li kien wiehed volontarju u li evidentement sehh f'post pubbliku - inevitabbilment seta' nissel certu grad ta' inkwiet jew thassib, talanqas f'mohh Odette Sciberras, dwar l-inkolumita' fizika taghha jew dwar l-inkolumita' tal-proprjeta` taghha b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil**.

Jinghad ukoll illi dan huwa fatt li ma jehtiegx necessarjament ix-xhieda tal-istess Odette Sciberras biex jigi ppruvat ghaliex, anke minghajr qies tal-istqarrija tal-imputat, dan il-fatt jirrizulta mill-gabra tal-evidenza li l-Qorti rriskontrat fl-atti, inkluza x-xhieda tas-Surgent li rcieva r-rapport[10] li xehed kif **Odette Sciberras cemplet l-Ghassa u rrapportatlu illi dak il-hin l-imputat kien qed jipprova jkisser il-bieb biex jidhol gewwa**. Ix-xhud zied jghid li huwa mar immedjatament fuq il-post u meta wasal, Odette Sciberras qaltlu li l-imputat spicca faqa' l-bieb, faqa' xi affarijiet li kien hemm fis-salott u kien telaq 'l hemm.

Illi in materja tan-nuqqas tax-xhieda tal-parti leza, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana**[11], dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni tal-

[9] Enfasi tal-Qorti.
[10] P.S. 827 Edward Grech.
[11] Deciza 12 ta' Mejju 2012.

persuna li kienet ghamlet rapport lill-Pulizija u dwar jekk l-okkorrenza wahedha ghandhiex titqies biss *hearsay evidence* tal-fatt iddenunzjat, qalet hekk:-

*".....il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk: "Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra".*

*Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk:*

*"Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).*

F'dan il-kaz, Odette Sciberras ma hijiex xhud li tista' tingieb tixhed ghaliex ipprevalixxiet ruhha mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 635 tal-Kap. 9 u ghalhekk, applikat dan it-taghlim appena citat, il-Qorti hija pjenament intitolata illi taghti piz probatorju sostanzjali lix-xhieda tal-ufficjal li rcieva r-rapport bhala prova ta' dak li qaltlu Odette Sciberras. Il-Qorti tqis b'mod partikolari l-fatt illi hija evidentement hasset il-htiega li ccempel ghall-assistenza tal-Pulizija **fil-waqt** li l-imputat kien qed jipprova jkisser il-bieb tar-residenza taghha biex jidhol gewwa. Dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, sabiex jipprova l-element materjali tal-allarm jew thassib liema element huwa rikjest sabiex tinsab htija ghal dan ir-reat.

F'kull kaz, kif rajna mill-gurisprudenza fuq citata, m'huwiex rikjest sabiex tigi ravvizata htija ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, illi tingieb prova illi l-agir tal-imputat ikun **attwalment** nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-

inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` taghha: il-fatt illi dak l-agir huwa fih innifsu kapaci inissel dan it-thassib, jew x'aktarx li jnissel dak it-thassib, huwa sufficjenti sabiex tigi stabbilita reita`.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fis-seba' imputazzjoni gie ppruvat sodisfacjentement u illi konsegwentement, l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 49 tal-Kap. 399, il-Qorti tqis illi ma ngabux provi bizzejjed sabiex juru illi l-imputat hedded li jaghmel reat permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, u li huwa ghamel uzu mhux xieraq b'dan in-network jew apparat elettroniku.

L-imputat ma gie mistoqsi xejn u ma ammetta xejn fl-istqarrija tieghu tat-30 ta' Dicembru 2019, dwar xi uzu allegatament hazin li ghamel b'xi network jew apparat elettroniku, jew li ghamel reat permezz ta' dan in-network jew apparat. L-unika referenza li saret fil-provi ghal xi uzu hazin jew xi theddid dwar il-kommissjoni ta' reat li sar permezz ta' apparat ta' komunikazzjon elettronika, saret fix-xhieda tal-Ispettur Stacy Attard. Din ix-xhud xehdet illi iktar tard fil-gurnata tad-29 ta' Dicembru 2019, Odette Sciberras regghet marret l-Ghassa fejn spjegat illi l-imputat kien cempel lit-tifla taghha u heddidha li jekk ma kienux se jehdulu l-ilma kien ser ikisser id-dar taghha kif ukoll id-dar ta' missierha. Din il-verzjoni tirrizulta wkoll mill-okkorrenza (Dok. SA5), u giet ikkonfermata ulterjorment minn PC 1469 Emerson Borg, li xehed fir-rigward fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020.

Ghalkemm huwa minnu illi l-okkorrenza konfermata bil-gurament tal-ufficjal tal-Pulizija li rcieva r-rapport dwar l-allegata telefonata mill-imputat fejn

allegatament hedded il-kommissjoni ta' reat, hija prova ammissibbli dwar dak li ntqal minn Odette Sciberras fir-rigward, madanakollu l-Qorti tqis illi f'dan il-kaz huma mankati l-provi essenzjali li juru li verament gie kommess ir-reat addebitat fit-tmien imputazzjoni. Effettivament, ma tressqet ebda prova kwalsiasi mill-Prosekuzzjoni dwar din it-telefonata li allegatament saret mill-imputat, fosthom provi dwar in-numru tat-telephone li minnu saret it-telefonata, u jekk dan jappartjenix jew jinsabx registrat f'isem l-imputat. Fin-nuqqas tax-xhieda tal-persuna li rceviet it-telefonata, il-Qorti tqis li kien mehtieg, *de minimis*, li tingieb prova illi n-numru tat-telephone li lilu saret it-telefonata allegatament inkriminanti, huwa numru li ghandha access ghalih l-istess allegata vittma.

Il-Qorti tosserva wkoll illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-allegata telefonata, bhala l-mezz li bih sar l-uzu hazin tal-apparat, lanqas saret lil Odette Sciberras izda lit-tifla taghha.

Huwa ghalhekk evidenti illi ma tressqux provi sodisfacjenti u lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, la biex jintwera illi verament sar uzu hazin ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika jew li sar theddid tal-kummissjoni ta' xi reat permezz ta' dan l-apparat, u wisq anqas biex jorbtu l-imputat mar-reat addebitat lilu fit-tmien imputazzjoni.

Ghaldastant, il-Qorti ma tistax issib htija ghat-tmien imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija, tqis li l-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50, u l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut hekk in propositu tal-addebitu tar-recidiva:-

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissem-ma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati..."*

Ghalkemm fil-kaz odjern giet esebita fl-atti l-fedina penali tal-imputat, din m'hijiex bizzejjed u ma tikkostitwixxi la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva tal-imputazzjoni tar-recidiva:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*[12]

Billi fil-kaz odjern ma giet esebita l-ebda wahda mid-diversi sentenzi msemmijin fil-fedina penali li permezz taghhom l-imputat gie kkundannat ghal reat kriminali, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-addebitu tar-recidiva.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Ghall-finijiet tal-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija evidentement wahda refrattarja, u rat ukoll illi huwa gie kkundannat diversi drabi ghall-ksur tal-bon ordni pubbliku.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Odette Sciberras, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha minhabba t-twaqqif tal-

[12] **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003.

proceduri fejn dawk jirrigwardaw reati ta' vjolenza domestika, izda fl-istess waqt tqis li huwa mehtieg illi tipprovdi ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 fil-konfront tal-imputat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tmien imputazzjoni, u tilliberah minn kull htija ghar-reat lilu addebitat f'din l-imputazzjoni, u ma ssibux hati lanqas ghall-addebitu tar-recidiva, wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lil ALLISTER CAMILLERI hati tas-seba' (7) imputazzjoni u tikkundannah tliet (3) ijiem detenzjoni.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt Ewro (€500), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**Billi ma nhatru ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**